# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 43 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar t-Tlieta 3 ta' Diċembru 2013 fis- 6.00 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea (ħareġ mis-sala fis-7.11pm) |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Michelle Camilleri (ħarġet mis-sala fit-7.50pm) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**44/01 Talba**

44/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.07 billi ntqalet it-talba.

**44/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 43.**

44/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti 43/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti 43/06.

**44/03 Punti mtella'mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 43**

44/03/01 **Para 43/03/01 : *Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter*:** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu *timeframes* stretti u jrid iżomm magħhom biex ikun jista' jingħata l-fondi skont l-iskema ta' finanzjament. Is-SE intalbet tkellem lil-Perit ħalli jgħaddilha d-dokument meħtieġ biex tkun tista' toħrog is-sejħa kemm jista' jkun malajr.

44/03/02 **Para 43/03/02: It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Stigter staqsa fuq il-fossa li għandu t-torri u din l-informazzjoni ngħatatlu. Is-SE għandha tipprepara l-kuntratt sabiex dan jiġi iffirmat. Is-SE għandha tibgħat kopja oriġinali tal-ftehim lid-Dipartiment tal-Artijiet u lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali (DGL) kif ukoll il-ħlas tal-kera addizzjonali.

44/03/03 **Para 44/03/03:- Ġnien il-Paċi** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur irranga l-*brackets* tal-katini tal-bandli u t-tapit tas-*safety* fejn l-*activity area*. Il-Kuntrattur ipprovda ukoll *credit note* peress li parti mil-*activity area* kienet nbarxet. Is-SE intalbet tikkonferma li l-kont jiġi ċċertifikat mill-Perit u tibgħat id-dokumentazzjoni kollha lil UIF ħalli jkun jista' jsir il-pagament lill-Kuntrattur.

44/03/04 **Para 43/03/05: Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE talbet lill-Perit Grech sabiex jgħaddi kopja tal-applikazzjoni l-ġdida lill-MEPA. Kienet saret laqgħa mal-MEPA fejn attenda l-Perit S. Cortis. Is-SE intalbet sabiex isegwi mal-Perit dettalji dwar din il-laqgħa kif ukoll kopja tal-applikazzjoni. Is-SE għandha tieħu ħsieb ukoll li tiġbor stimi għax-xiri tal-bankijiet u *bins* u toħrog il-works order lil ELC għal *Landscaping Works.*

44/03/05 **Para 43/03/07:- *Crash Barrier* eċċ.** Is-SE infurmat li għandha tibgħat l-irċevuti fiskali tal-pagamenti li saru bil-*claim* lid-DLG ħalli l-Kunsill jingħata lura l-fondi mill-iskema li se tagħlaq fl-ahhar ta' dan ix-xahar.

44/03/06 **Para 42/03/08**:- **Triq San Gwann**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill lit-TM ma approvawx li jsiru sinjali ġodda ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq Jean De La Valette (Birguma *Bypass*). Is-SE ntalbet sabiex tagħmel appuntament mal-Perit Testaferrata Denoto ħalli nifhmu eżatt għalfejn TM ma approvawx it-talba tal-Kunsill. Il-Kunsillier Vincent A Galea bħalha Kunsillier responsabbli mit-Traffiku ser jattendi din il-laqgħa flimkien mas-SE. Is-SE infurmat li l-ittra lil TM dwar miżuri fi Triq San Gwann ħdejn it-torri tas-Semaforu għad trid tintbagħat.

44/03/07 **Para 43/03/09 *Aerobics***: Is-S.E. bgħatet il-ftehim dwar l-*Aerobics* iffirmat lid-Dipartiment tal-Promozzjoni u Saħħa. Is-SE intalbet tikkonferma l-ġranet mal-Kapillan sabiex tkun tista' tibda tintuża s-sala ħalli jibda l-programm.

44/03/08 **Para 43/03/11**: **Stimi għall-armar ta' dawl dekorattiv**: Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-Kuntrattur diġa rama id-dawl dekorattiv. Is-SE ħadet ħsieb li timla l-formola tal-Enemalta għal-meter temporanju u tibgħat il-ħlas.

44/03/09 **Para 43/03/12 : Il-Milied fil-Pjazza**: Il-Kunsillier Fenech ta iżjed dettalji dwar l-attivita' tal-Milied fil-Pjazza. Il-Kunsill approva unanimament li l-parteċipanti jingħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni. Il-Kunsill approva li Triq Karmnu Zarb ukoll tkun magħluqa għat-traffiku u fiha ma jkunx hemm ipparkjar ta' vetturi. Il-Kunsill approva unanimament li jinxtraw 2 siġar tal-'Milied' sabiex jitpoġġew fil-pjazza.

44/03/10 **Para 43/03/13 :Fuljett:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fuljett ikun lest il-ġimgha d-dieħla. Il-Kunsillieri Fenech u Muscat offrew li joħorġu mal-ħaddiema sabiex iqassmu l-fuljett. Il-Kunsill approva dan unanimament.

44/03/11 **Para 43/03/14: Miżura 125 mill-*Majjistral Action Group*** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni ġiet sottomessa fil-ħin u li minn 24 bidwi, 14 ġew u ffirmaw d-dikjarazzjoni li għandhom għalqa f'dan l-isqaq.

44/03/12 **Para 43/03/18 : Laqgħa mal-Presidenti tal-AKL** – Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-laqgħa ma Dr M. Sant ser issir fis-16 ta' Dicembru fis-6.00 pm fl-uffiċċju tal-AKL fil-Marsa.

44/03/13 **Para 43/03/20 : Talba għal-informazzjoni relatata ma ġita għal-Sqallija** : Ġie innotat li l-informazzjoni mitluba fl-ittra kien għadha ma waslitx. Is-SE intalbet sabiex issegwi.

44/03/14 **Para 43/03/21** : ***Leave planner* tal-ħaddiema tal-Kunsill**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie infurmat lill-istaff tal-Kunsill ma setgħux jieħdu *leave* fil-ġurnata li fiha tkun ser tinżamm il-laqgħa kif ukoll fil-ġurnata ta' qabel. Is-sindku qal ukoll li s-SE kienet talbet lill-istaff li jagħtu r-raġuni għalfejn riedu li jieħdu l-*leave*. Is-SE qalet li hi qatt ma talbet li tingħata r-raġuni ghalfejn jieħdu l-leave imma hija talbet lill-ħaddiema sabiex ġurnata qabel u dakinhar li fih tkun ser ssir l-laqgħa tal-Kunsill huma jippruvaw ma jieħdux *leave*

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

peress li jkun hemm xi xogħol pendenti li jridu jlaħquh sal-laqgħa. Il-Kunsill innota dan u kif kien iddeċieda qabel sostna li sakemm fl-uffiċċju ikun hemm għax-xogħol żewġ ħaddiema l-leave għandu jingħata ħalli b'hekk kull ħaddiem kemm jista' jkun ikollu l-opportunita' li jieħu l-leave meta jixtieq hu. Is-SE qalet li jekk il-ħaddiema jkollom jieħdu l-leave f'dak il-perjodu qabel il-laqgħa tal-kunsill kulma jridu jgħidulha. Żiedet tgħid li l-leave huwa d-dritt ta' kull ħaddiem.

44/03/15 **Para 43/03/23 - Laqgħa mas-CEO tal-Green MT** - Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* ser tkun nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013 fil-11 ta filgħodu. Is-Sindku kien ipprepara l-Aġenda għal din il-laqgħa u talab lis-SE sabiex tinsisti ħalli jinġabru l-flus dovuti lill-Kunsill. Il-Kunsillier Fenech ikkonferma li hu ser jattendi għal din il-laqgħa.

44/03/16 **Para 43/03/24 - L-Ikla tal-Milied**: Il-Kunsill innota l-*Memos* maħruġa mid-DGL bħala gwida għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li fil-20 ta' Diċembru 2013 jiġi organizzat riċeviment għall-membri tas-Sotto Kumitati.

44/03/17 **Para 43/05/02 - Ilment 18113049202137** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sid ġie infurmat sabiex jibni l-bankina bil-madum. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jekk dan ma jsirx għandu isir rapport lill-MEPA kif ukoll jinżamm id-depositu li seta kien inġabar oriġinarjament.

44/03/18 **Para 43/05/03** - Talba sabiex isir *parking bay* bl-isfar quddiem garaxx fi Triq Indipendenza. Il-Viċi Sindku ser jinvestiga u għandu jindika x-xogħol li jrid isir lis-SE.

44/03/19 **Para 43/05/04** - Talba sabiex art privata li issa ser tiġi inkorporata fi Triq Indipendenza tinbena u tinkesa bit-tarmak. Is-SE infurmat li trid tikteb lil-TM dwar din it-talba.

44/03/20 **Para 43/08/06** - Ċirkulari tal-AKL 77/2013 dwar Supplimenti fit-*Times of Malta*. Is-SE intalbet tibgħat din iċ-ċirkulari lill-Viċi Sindku sabiex ikun jista' jibgħat artiklu bir-ritratti dwar il-Ġnien il-Paċi ħalli jiġi inkluz f'dan is-Suppliment.

44/03/21 **Para 43/08/11** - Il-Kunsillier Vincent A. Galea ta dettalji dwar il-laqgħa li hu attenda dwar tnehdija tal-politika nazzjonali strateġika għall-anzjanita` attiva.

44/03/22 Il-Kunsillier Vincent A. Galea talab biex jiġi skużat mill-laqgħa. Huwa ħareġ mill-kamra fis-7.11 ta' filgħaxija.

44/03/23 **Para 43/08/18** – Seminar dwar l-abbozz tal-pjan għall-immaniġjar tal-iskart 2013 – 2020. Is-SE u l-Kunsillier Fenech attendew dan is-seminar.

44/03/24 **Para 43/08/20** – Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet mibgħuta mill-kuntrattur fejn talab kumpens minħabba l-għoli fil-prezz tad-*diesel.*

**44/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

44/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa kif ukoll il-pagament ta' €100 lil *Blue Skink Ltd*. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

saru mill-*Petty Cash*.

**44/05 Ilmenti u Suggerimenti**

44/05/01 ***Ilment 18113058202649*** - Ilment li fi Triq Indipendenza l-karozzi ma jistgħux jgħaddu sew f' direzzjonijiet opposti minħabba ta xi karozzi u vannijiet li jkunu ipparkjati. Il-Kunsill innota li din il-parti tat-triq trid titwessgħa mit-TM. Il-Kunsill innota li diġa hemm sinjali li jindikaw li ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi fil-parti d-dejqa tat-triq u fil-jiem li ġejjin ser titwaħħal tabella li turi li vetturi kbar ma jistgħux jidħlu minn Triq Caravaggio għal ġo Triq Indipendenza. Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill iħoss li ma jista' jagħmel xejn aktar imma meta ikun hemm karrozzi ipparkjati illegalment għandu isir rapport lill-Pulizija.

44/05/02 ***Ilment 18113080202650*** - Ilment li f' Wied Anglu qiegħed jiġi depożitat xi materjal. Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li dwar dan l-ilment diġa sar rapport lill-MEPA u lill-Pulizija.

44/05/03 ***Ilment 18113086202646*** - Ilment dwar ipparkjar ta' vetturi fi Sqaq Numru 1, Triq San Gwann Għargħur kif ukoll dwar ipparkjar ta' vetturi b'mod illegali fejn hemm il-ħanut kantuniera ma Triq Gargallo. Il-Kunsill iħoss li ma għandux jinqata' l-*parking* fi Sqaq Numru 1 Triq San Gwann liema *parking* ilhu isir għal diversi snin. Rigward l-ipparkjar illegali fi Triq San Gwann, is-SE infurmat lill-Kunsill li dan l-ilment kienet għaddietu lil-Pulizija.

44/05/04 ***Ilmenti dwar reserved parking li ma għadhomx jintużaw fi Triq San Bartilmew u Triq San Gwann*** - Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jikteb lill-TM dwar każ ta' resident li kien joqgħod fi Triq San Bert li kien jagħmel użu minn dan ir-*reserved parking*. Rigward ir-*reserved parking* l-ieħor li qiegħed fi Triq San Gwann fejn hemm r-resident li kien inħariġlu *reserved parking* quddiem il-dar tiegħu u dan ukoll issa ma għadux isuq u lanqas għandu karrozza ukoll ġie deċiż li dwar dan il-każ niktbu lill-TM. Waqt li kien qed jiġi diskuss u deċiż il-każ ta' Triq San Gwann, il-Kunsillier Fenech ma ħax sehem fid-diskussjoni u fid-deċizjoni peress li hu qarib tar-resident.

44/05/05 ***Culvert fi Triq il-Gnien***: Il-Kunsill unanimament iddeċieda li din it-talba tintlaqa u li jixtraw it-torba u l-konkos li hemm bżonn ħalli jkompli jimtela l-culvert ta' Triq il-Ġnien. Il-Kunsillier Muscat ser jieħu ħsieb jikkordina dan ix-xogħol.

44/05/06 ***Ħajt li waqa' u wire imdendel fi Triq Fidiel Zarb.*** Ġie unanimament deċiż li dan l-ilment jiġi mgħoddi lill-Enemalta, GO u Melita. Il-Kunsill iddeċieda ukoll li jekk jibqa' ma jinbenix il-ħajt tas-sejjieh tinkiteb ittra lis-sid li joqgħod fi Triq Indipendenza sabiex jagħmel dan mingħajr aktar dewmien.

**44/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE:

44/06/01 Korrispondenza mill-Perit Karm Farrugia tal-HSBC dwar il-proposta għal ATM ġdida f'Ħal Għargħur. L-HSBC infurmaw li iddeċiedew li ma jwaħħlux din l-ATM għallissa. Il-Kunsill innota b'diżappunt din id-deċizjoni u ġie deċiż li s-SE terġa tikteb lill-banek l-

oħra sabiex il-lokalita' ikollha ATM.

44/06/02 Korrispondenza dwar il-*Mobile Blood Donation Unit* li ser tkun fil-pjazza ta' Ħal Għargħur fit-8 ta' Diċembru 2013. Din ġiet innotat mill-Kunsill.

44/06/03 Korrispondenza mill-MEPA dwar *Development Control Commission* ġiet innotata mill-Kunsill.

44/06/04 Memo 28/2013 mid-DGL dwar il-*Pool Gdid* ta' Segretarji Eżekuttivi. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

44/06/05 Korrispondenza mill-MEPA dwar *Talking Point-Cemetries Policy (Objectives)-Public Consultation* ġiet innotata mill-Kunsill. Din il-korrispondenza ġiet mgħoddija lill-Kapillan.

44/06/06 Invit mill-Kunsill ta' Hal-Qormi dwar *KunSilly Lunch* 2013. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

44/06/07 Konferma li ntbgħatet l-applikazzjoni dwar MEMO 25/2013 - Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014 ġiet innotata mill-Kunsill. Is-SE intalbet tikkonferma jekk il-Gvern hux ser jipparteċipa fl-organizzazjoni tal-Milkfest fil-2014.

44/06/08 *Purchase orders* li ħarġu sal-laqġħa tal-Kunsill: 1) *Smart Office Supplies Ltd* għal żewġ A5 *Oblong Lever Arch Files*; 2) *Stationery* mill-*Golden Gate*. Dawn ġew ratifikati mill-Kunsill.

44/06/09 Ittra mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar Seduta Numru 26 - Appell 229/03 u 206/12. Is-SE intalbet ġġib izjed informazzjoni dwar din il-korrispondenza.

**44/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

44/07/01 Il-Kunsillier Fenech informa li resident fi Triq Għaxqet l-Għajn talab li l-*parking* wara d-dar tiegħu jiġu projbit għaliex skont hu meta jipparkjaw il-vetturi ikun hemm ħafna storbju. Ukoll dan ir-resident talab li issir *traffic hump* oħra fl-istess triq jew titressaq waħda milli hemm ħalli tkun aktar viċin tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma dawn it-talbiet. Jekk ikun qed isir l-istorbju dan ir-resident għħandu jagħmel rapport lill-Pulizija. It-*traffic humps* li hemm imwaħħla fi Triq Għaxqet l-Għajn saru skont kif approvat minn TM u l-Kunsill ma jixtieqx isid aktar *humps*.

44/07/02 Il-Kunsillier Fenech talab li l-*fence* tal-Ġnien ta' Zagħruna jitwal peress li allegatament xi persuni tefgħu oġġetti għal għand ir-residenti. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u ġie deċi li jinxtara l-materjal li hemm bżonn.

44/07/03 L-Ambaxxatriċi s-Sinj Michelle Camilleri talbet li tiġi skużata mill-laqgħa. Hi ħarġet mill-laqgħa fis-7.50 ta' filgħaxija.

44/07/04 Il-Kunsillier Muscat ġibed l-attenzjoni dwar il-korrispondenza li rċieva l-Kunsill fuq il-Karta Anzjan. Huwa talab lill-Kunsill sabiex bħala Kunsillier responsabbli mill-Anzjani ikompli jgħin fit-tqassim tal-Karti Anzjan kif ilu jagħmel għal diversi snin. Il-Kunsill

unanimament approva dan.

44/07/05 Il-Kunsillier Muscat informa lill-Kunsill li huwa xtaq jorganizza ħarga għall-Anzjani biex imorru izuru l-ħabsin. Il-Kunsill unanimament approva din l-ħarġa.

44/07/06 Peress li l-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena ser jaħbtu nhar ta' Erbgħa meta isir il-ġbir tal-iskart imħallat, il-Kunsill unanimament iddeċieda li l-iskart imħallat jinġabar il-ġurnata ta' wara jiġifieri l-Ħamis 26 ta' Diċembru 2013 u 2 ta' Jannar 2014.

44/07/07 Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk ġewx iffirmati l-kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema tal-Kunsill. Is-S.E. infurmat li għad trid tikseb l-aħħar kopja tal-kuntratt tax-xogħol ta' ħaddiema li jaħdmu fil-Kunsilli peress li dik is-sena kien sar Ftehim Kollettiv ġdid għall-ħaddiema li jaħdmu mad-DGL. Is-SE ser tkompli issegwi.

**44/08 Aġġornament**

44/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nħar t-Tlieta 17 ta' Dicembru 2013 fil-5.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **17 ta' Diċembru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |